# FIL-QORTI TAL-APPELL KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Aaron M. Bugeja M.A. (Law), LL.D. (melit)**

**Illum 31 ta' Mejju 2022**

Appell numru 396/2021

**Il-Pulizija**
**vs.**
**Renald MICALLEF**

Il-Qorti rat is-segwenti :

## A. L-IMPUTAZZJONIJIET

1. Dan huwa appell minn sentenza mogħtija mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) nhar it-18 t'Ottubru 2021 fil-konfront ta' Renald MICALLEF (detentur tal-karta tal-identita' bin-numru 560775M) li ġie mixli talli fix-xahar ta' Lulju 2018 meta hekk ordnat minn xi Qorti jew marbut b'kuntratt naqas milli jagħti lil Rachelle Micallef s-somma hekk iffissata minn dik il-Qorti jew stipulata bil-kuntratt bħala manteniment għaliha u/jew għall-ulied fi żmien ħmistax -il jum minn dak -il jum li fih, skont l-ordni jew dak il-kuntratt ikollha titħallas is-somma.

## B. IS-SENTENZA APPELLATA

2. Permezz tas-sentenza aktar 'il fuq imsemmija, il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti ta' Ġudikatura Kriminali, sabet lill-appellant

MICALLEF ħati tal-imputazzjoni miġjuba fil-konfront tiegħu u kkundannatu għal **xahar detenzjoni**.

## C. L-APPELL INTERPOST

3. Illi MICALLEF appella minn din is-sentenza fejn talab lil Qorti sabiex tħassar is-sentenza appellata billi tirrevokaha u tillibera lill-appellant mill-imputazzjoni dedotta kontra tiegħu jew alternattivament tvarjaha in kwantu jikkonċerna l-piena inflitta u minflok tgħaddi biex tinfliġġi piena iżjed ekwa u ġusta u dan wara li ppremetta li :

   (a) l-azzjoni kriminali f'dan il-każ kienet taqa' bil-preskrizzjoni ta' sitt xhur;
   (b) huwa biss persuna reċidiva f'din il-kontravenzjoni li teħel piena detentiva;
   (c) stante li kellu l-fedina penali netta, l-piena inflitta kienet eċċessiva;
   (d) ebda wieħed mill-elementi tar-reat imputat ma jirriżultaw sodisfatti;
   (d) il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) għamlet apprezzament ħażin tal-provi li kellha quddiemha;
   (e) kien hemm lok għalbiex din il-Qorti teżerċita d-diskrezzjoni tagħha biex tammetti xhieda ġodda f'dan il-każ;
   (f) il-Qorti kellha tistħarreġ sewwasew ir-raġunijiet għaliex l-appellant kien waqaf iħallas l-ammonti ta' manteniment dovuti minnu.

## D. IL-KONSIDERAZZJONIJIET TA' DIN IL-QORTI

4. Illi kif jirriżulta mill-verbal a fol 4 tal-proċess, ir-referta li ġiet eżebita quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) kienet waħda pożittiva, in kwantu ġiet notifikata fid-dar fejn soltu kien joqgħod u dan kif jidher mill-indirizz li ġie supplit fl-1 ta' Diċembru 2018 fid-0910. Apparti minn hekk il-fatt li huwa kien ġie notifikat tirriżulta wkoll mill-verbal a fol 5 mnejn jirriżulta li għall-imputat kien deher Dr. Francois Dalli li nforma l-Qorti li l-appellant ma setgħax jattendi l-Qorti minħabba raġunijiet mediċi. Dan juri biċ-ċar li l-appellant kien ġie notifikat. F'dan il-każ għalhekk ma jistax jingħad li l-ewwel aggravju jista' jiġi milqugħ u għalhekk qiegħed jiġi miċħud.

5. Illi allura f'dan il-każ, li setgħa jitkompla għaddej, jirriżulta li l-appellant kien irreġistra ammissjoni għall-imputazzjoni miġjuba kontra tiegħu. Is-sentenza erogata f'dan il-każ, kienet taqa' fil-parametri legali u kienet tal-kwalita u kwantita korretta. Ir-reat kontestat f'dan il-każ jinsab f'Taqsima Tlieta tal-Kodiċi Kriminali, taħt is-sub-titolu numru wieħed f'dik is-sezzjoni li titratta l-kontravenzjonijiet li huma ta' ordni pubbliku, u l-piena relattiva hija, skont l-Artikolu 7(2) tal-imsemmi Kodiċi :

   a) Id-detenzjoni,
   b) L-ammenda,
   c) Iċ-ċanfira jew it-twiddiba.

6. Biss jirriżulta wkoll li fil-mori tal-appell kien hemm bdil fiċ-ċirkostanzi ta' bejn il-partijiet, billi l-appellant ħallas għal kollox l-ammonti kollha dovuti minnu f'manteniment in konnessjoni ma dan il-każ. Dan huwa pass pożittiv li juri li l-appellant, anke jekk tardivament, spiċċa biex wettaq dak li kien ordnat mill-Qorti li jagħmel. Irid issa jżommha f'moħħu li skont ġurisprudenza kostanti l-ordnijiet tal-Qrati jridu jiġu osservati skrupolożament u mhux ammessi u permessi tfettieq jew kavillar żejjed fit-twettieq tagħhom. Mill-banda l-oħra tali ħlas tardiv jista' jittieħed in konsiderazzjoni minn din il-Qorti fl-erogazzjoni tal-piena tagħha.

# Deċide

Għaldaqstant, għar-raġunijiet premessi, il-Qorti qegħda tilqa' l-appell magħmul minn Renald MICALLEF in parti u tirriforma s-sentenza appellata billi filwaqt li tikkonfermaha fejn sabitu ħati tal-imputazzjoni kontra tiegħu, iżda mill-banda l-oħra tħassar dik il-parti tas-sentenza fejn l-appellant ġie kundannat għal xahar detenzjoni u minflok, fiċ-ċirkostanzi prevalenti u riżultanti, din il-Qorti tqis li jissussistu ċ-ċirkostanzi msemmija fl-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta biex b'hekk il-Qorti tillibera lil ħati bil-kundizzjoni li ma jagħmilx reat ieħor fi żmien sena millum.

Il-Qorti tiddikjara li ai termini tal-Artikolu 22(3) tal-Kapitolu 446 tal-Liġijiet ta' Malta, qabel ma emanat tali ordni, hija fissret lill-ħati bi kliem ċar, sempliċi u li jinftiehem li jekk huwa jagħmel reat ieħor matul il-perjodu

ta' liberazzjoni kondizzjonata, huwa jkun jista' jingħata sentenza għar-reat oriġinali.

**Aaron M. Bugeja,**
**Imħallef**